

# 325 Sena Ilu Qegħdu l-Ewwel Ġebla tal-Knisja



*Kan. Dun Joe Abela*



**San Girgor Parroċċa**

Sa 325 sena ilu, il-knisja parrokkjali preżenti taż-Żejtun, iddedikata lill-Verġni Martri Santa Katarina, kienet għadha ma teżistix. Bħala knisja parrokkjali ż-Żwieten kienu għadhom jinqdew bil-knisja li aħna nsejħulha "San Girgor", għalkemm fil-fatt hi ddedikata lil Santa Katarina. Peress li ż-Żwieten kienu joqgħodu fir-Raħal t'Isfel u r-Raħal ta' Fuq, "San Girgor" kienet wisq imbegħda minnhom u allura għall-ħtiġijiet reliġjużi tagħhom kienu jużaw knejjes żgħar iddedikati lill-Verġni Maria, waħda fir-Raħal ta' Fuq, li għadha teżisti u oħra fir-Raħal t'Isfel li m'għadhiex teżisti.Iżda "San Girgor" kienet baqgħet il-knisja parrokkjali tagħhom. Iżda din ma kenitx sitwazzjoni aċċettabli għalihom. Tant li għal xi żmien l-Isqof kien ordna li ż-Żwieten jinqdew bil-knisja tal-Madonna fir-Raħal t'Isfel bħala knisja parrokkjali. U n-nies tar-Raħal ta' Fuq x'għamlu?

**Sitwazzjoni Prekarja**

Fiż-Żejtun dak iż-żmien ma kenux joqgħodu aktar minn madwar 2,000 ruħ. Kienu wkoll jibżgħu mill-attakki tar-furbani Misilmin, għalkemm it-Torrijiet ta' San Luċjan u San Tumas kienu diġa' mibnija. Barra minn hekk il-faqar u l-mard kienu ħwejjeġ li jkexkxuk. Il-faqar kien effett tan-nuqqas ta' xogħol. Kienu għadhom jgħixu b'dak li jirrendi r-raba' jew bis-sibi (piraterija). Dawn it-tnejn kellhom il-perikli tagħhom. Forsi l-aktar xogħol li kien sigur kien fil-bini, speċjalment fil-bini maħluq mill-Ordni tal-Kavallieri. L-ebda sptar ma kien jeżisti viċin iż-Żejtun. Iż-Żejtun kien raħal, jew aħjar grupp ta' rħula ċkejknin, iżolat mill-bqija ta' Malta. Fil-bidu tas-seklu 17 kienu nfirdu miż-Żejtun, Ħaż-Żabbar u Ħal-Għaxaq. Il-pesta tas-sena 1676, jiġifieri ftit tas-snin biss qabel bdiet tinbena l-knisja parrokkjali tal-lum, il-marda kiefra tal-pesta tat daqqa ta' ħarta oħra lir-raħal tagħna. Għaddew ftit snin u ż-Żejtun beda jikupra xi ftit.

**Qassisin taż-Żejtun**

Wara n-nofs tas-seklu 17, kappillan taż-Żejtun kien Dun Melchiore Bonici, li allura kien iservi fil-knisja ta' San Girgor. Ħuh Dun Ugolin kien iżghar minnu. Fl-1679 Dun Melchiore irriżenja minn kappillan u floku laħaq Dun Ugolin. Dun Melchiore miet biss ġimagħtejn qabel tqegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida. Kien żmien Dun Ugolin, li allura kellu jgħinuh minn numru ċkejken ta' qassisin. Dawn kienu:

- *Dun Pasquale Zahra, eta' 68 sena*
- *Dun Salv Abela eta' 59 sena*
- *Dun Alwiġ Cachia eta' 50 sena*
- *Dun Franġisk Cassar, eta' 35 sena*
- *Dun Ġwann Battista Zahra eta' 33 sena*
- *Dun Ġużepp Mifsud, eta' 30 sena*
- *Dun Tumas Magro, eta' 30 sena*

**Funzjoni Solenni**

Kien l-Isqof David Cocco Palmieri li qiegħed l-ewwel ġebla tal-knisja, nhar il-25 ta' Novembru, 1692 Festa ta' Santa Katarina u kien il-famuż arkitett Lorenzo Gafa' li ħażżeż il-pjanta tal-knisja. Dokument li jien irnexxieli nsib jiddeskrivi bid-dettal dak li sar dak inhar. Jgħid li l-ewwel ġebla tqegħdet f'post divers (mill-antika) u aktar viċin l-irħula ta' Bisqallin u Bisbut, f'biċċa art imsejħa "tal-Ħaġġirat". Benefattur kbir tal-knisja l-ġdida kien il-Ħakem Girgor Bonici. Wara purċissjoni l-Isqof qiegħed fil-pedament midalja bl-arma tiegħu. Fuq l-ewwel ġebla tqegħdet irħama b'kitba partikulari. Il-purċissjoni kienet telqet mill-knisja ta' Sant' Anġlu Martri fir-Raħal ta' Fuq. Din hi biss deskrizzjoni qasira ta' kulma sar dak inhar.

Aħna li qegħdin ngħixu dan in-numru kbir ta' snin wara, tajjeb li niftakru ftit f'dak li għamlu missirijietna, li kienu nies foqra, iżda li kellhom imħabba kbira lejn raħal twelidhom u lejn il-patruna tagħhom Santa Katarina. Ma ninsewx li kieku ma kinux huma, il-wirt kulturali u storiku fil-parroċċa tagħna ma kienx ikun daqshekk rikk bħalma hu.